# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Giuliano**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Giuliano ID118167M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar it-12 t'Awissu 2014 għall-ħabta ta' 13:20 ġewwa r-residenza "All Winds", Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħal-Luqa :

(a) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuni ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, billi għamel ħsara fuq camera 3.6mm Sony Lens 700-TVL kif ukoll *power supply steel case 5 amp* għad-dannu ta' Noel Vella u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Kif ukoll bi ħsara tas-sid jew detentur għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' Noel Vella u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) Kif ukoll fl-istess data għall-ħabta ta' 13:10 ġewwa ħanut bl-isem ta' Noel Master Butcher, 15, Triq Cameron, Paola, mingħajr ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendu li kellu ġiegħel, bl-awtorita tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew ħatt bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa ilma għalih jew b'mod ieħor, kontra l-Liġi, indaħal fi ħwejjeġ Marisa Vella fil-pussess ta' ħwejjiġha u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2015 Dr. Rachel Tua għall-parte civile Noel Vella u Marisa Vella infurmat lil Qorti li l-parte civile kienu qegħdin jirtiraw il-kwerela u li kienu qegħdin ukoll jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali safejn din kienet rinunzjabbli u matul l-istess udjenza l-imputat ddikjara li kien qiegħed jaċċetta tali rinunzja.

Rat pero li l-ewwel imputazzjoni biss kienet proċedibbli ad istanza tal-parti leża kif jirriżulta mill-Artikolu 328(d) *proviso* tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk il-Qorti sejra tipproċedi sabiex tanalizza l-kumplament tal-imputazzjonijiet.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-inċidenti de quo seħħew nhar it-12 t'Awissu 2014. Dak iż-żmien il-Liġi li kienet tirregola l-operat ta' dak li kienet l-Enemalta Corporation kien il-Kapitolu 272 ossija l-Att dwar l-Enemalta in kwantu l-kambjament normattiv li laqat lil din l-Enti bid-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 536 ossija l-Att li jirregola t-trasferiment tal-attiv, id-drittijiet, id-debiti u l-obbligi ta' l-Enemalta ġie fis-seħħ nhar il-25 t'Awissu 2014 permezz tal-Att XXXIV tal-2014. Għalhekk il-Liġi applikabbli għal dan il-każ fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mas-setgħat u l-obbligi li l-imputat kien marbut bihom bħala impjegat tal-ġja Enemalta Corporation fil-jum tat-twettieq tal-allegati reati hija dik riflessa f'dak li kien il-Kapitolu 272, li sussegwentement ġie mħassar.

***Ikkunsidrat : -***

Illi dan il-każ idur dwar żewġt inċidenti li tnisslu minn spezzjoni li l-imputat, fil-mansjoni tiegħu ta' team leader fuq l-ispezzjonijiet tal-Enemalta mar jagħmel dakinhar tat-12 t'Awissu 2014. Mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta li dakinhar huwa kien akkumpanjat minn PC159 Glenn Calleja, stazzjonat *Rapid Intervention Unit* u dan sabiex jassisti lill-imputat fl-ispezzjoni li kien qiegħed jagħmel. Jirriżulta li l-

imputat kien qiegħed jaġixxi fuq suspett t'abbuż mir-reġistrazzjoni tal-konsum tal-elettriku li kien supplit fl-indirizz "All Winds", Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħal-Luqa. Għalhekk dawn l-ewwel ipproċedew f'dan il-fond, iżda sabuh magħluq minn barra permezz ta' katnazz. L-imputat pero, bl-użu ta' strument speċjali (*Tesla meter*) li setgħa jagħti indikazzjoni jekk kienx hemm xi forma t'abbuż fil-konsum li jkun qiegħed jiġi reġistrat fuq il-meter tad-dawl, **minn barra l-istess fond u mingħajr ma daħal fl-istess fond**, iddetermina li s-suspett li kellu kien wieħed fondat. Minħabba li ma setgħux jaċċedu għal dan il-fond f'dak il-mument, u dan għaliex sidu ma kienx preżenti dak il-ħin, l-imputat għażel li jmur fil-ħanut li l-parte civile jiġġestixxi bħala *butcher shop* bl-isem "Noel Master Butcher" fi Triq Cameron, Raħal Ġdid.

Mal-wasla fuq il-post, l-imputat ħabbat mal-bieb ta' dan il-ħanut u ġiet biex tiftaħ Marisa Vella, mart Noel Vella. Hawnhekk jirriżulta li hemm diverġenzi fix-xiehda tal-imputat u PC159 u dik tal-parte civile. L-imputat u PC 159 jgħidu li meta l-imputat identifika ruħu bħala spettur tal-Enemalta fil-preżenza tal-Pulizija, Marisa Vella kienet pronta tipprova tagħlaq il-bieb. L-imputat jgħid li bdiet tgħidilhom li l-ħanut kien magħluq dak il-ħin. L-imputat pero prova jżomm lill-Vella milli tagħlaq il-bieb in kwantu huwa kien qiegħed hemmhekk sabiex jagħmel spezzjoni. Biex jagħmel dan l-imputat daħħal saqajh bejn il-bieb u x-xambrella. L-imputat jgħid li huwa wriha l-karta tal-identita tiegħu bħala impjegat tal-Enemalta. Il-parte civile dan jiċħduh. L-imputat

itenni li Marisa Vella bdiet timbotta l-bieb biex tagħlqu u l-imputat jgħid li l-PC 159 ta ordni biex tiftaħ il-bieb. Hekkhekk jirriżulta li Marisa Vella fetħet il-bieb u saret spezzjoni li minnha ma rriżulta xejn irregolari. Noel Vella pero ma kienx preżenti f'dak il-ħanut dak il-ħin. Laħqu waslu wkoll xi *deliverymen* b'xi konsenja ta' soft drinks li kienet intiża li tiġi konsenjata fil-fond "All Winds", Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħal-Luqa.

Għalhekk sar kuntatt telefoniku ma Noel Vella sabiex imur fil-fond "All Winds" u Vella assigurahom li kien sejjer minnufih. Għalhekk l-imputat u PC159 marru fl-indirizz "All Winds" u qagħdu jistennew lil Noel Vella jiġi. Huma damu ftit tal-ħin jistennewh u kien jidher li Noel Vella kien għadu ma wasalx fuq il-post peress li l-bieb ta' barra nett kien għadu magħluq bil-katnazz. Sadattant l-imputat u PC159 kienu wkoll spezzjonaw ir-reċint li kien idawwar it-tenuta ta' Vella biex jaraw jekk kienx hemm xi mkien ieħor minn fejn wieħed setgħa jidħol pero sa' dak l-istadju l-imputat ma kienx ra li kien hemm xi post ieħor mnejn Noel Vella setgħa jaċċedi b'mod ordinarju għall-fond għajr ħlief mill-bieb ta' barra li kien għadu magħluq b'katnazz.

Wara xi għaxar minuti PC159 ċempel lil Noel Vella biex ifittex jiġi fuq il-fond "All Winds" għaliex PC159 u l-imputat kienu għadhom qegħdin jistennewh hemmhekk. Vella baqa' ma deherx. Aktar tard anke l-imputat ċempel lil Noel Vella biex jara x'ħin kien ser jasal. Biss matul din it-telefonata, l-imputat pero semgħu b'nifsu maqtugħ. L-imputat

issuspetta ħażin f'dan il-fatt (u stante li l-imputat kien diġa għamel it-test preliminari bit-*Tesla meter* li tah indikazzjoni li kien hemm konsum anomalu ta' kurrent elettriku) u ħaseb li Noel Vella kien qiegħed jipprova jaċċedi għall-istess fond minn xi parti oħra li ma kienetx mill-bieb ta' barra li kien magħluq bil-katnazz. L-imputat newwel *two way radio* lil PC159 biex ikunu f'kuntatt kontinwu u jikkomunikaw bejniethom u ddeċieda li jmur fuq in-naħa ta' wara tar-reċint tat-tenuta ta' Vella biex jara jekk kienx qiegħed jipprova jaċċedi għall-fond minn hemm.

Kif l-imputat wasal fuq in-naħa ta' wara tal-istess fond huwa sejjah lil PC159 fuq ir-radio fejn infurmah li mar-reċint tan-naħa ta' wara tal-istess fond issa kien hemm speċi ta' pellet tistrieħ mal-ħajt f'forma ta' sellum u li xi ħadd kien użah biex jaċċedi għall-istess fond minflok ma jgħaddi mill-bieb prinċipali li kien sa dak il-ħin għadu magħluq b'katnazz. L-imputat jgħid li dak il-ħin PC159 kellu xi nies fuq in-naħa ta' quddiem (u li kienu d-*deliverymen* tal-Coca) u għalhekk l-imputat avża lil PC159 li kien hemm persuna li kienet qabżet minn naħa ta' wara u li l-probabbilta' kienet li kien ser ikun hemm ħabi jew qerda tal-evidenza li turi li kien qiegħed isir tbagħbis mal-konsum tal-kurrent elettriku. Peress li kienu tnejn biss, jiġifieri l-imputat fuq wara u PC159 fuq quddiem u li kien meħtieġ li jibqa preżenti quddiem biex jara jekk kienx ser jidħol xi ħadd mill-bieb prinċipali, l-imputat u PC159 tkelmu u l-

imputat jgħid li "bqajna li ħa ninżel jien u nkellmu ħalli jgħidilna, ħalli ngħidulu biex jiġi jiftaħ u nkellmu bil-kelma t-tajba…"

L-imputat hawnhekk iddeċieda li jitla' mal-ispeċi ta' sellum tal-*pellets* li kien qed jistrieħ mal-ħajt tan-naħa ta' wara tat-tenuta ta' Vella. Meta tela' fuq is-sellum, l-imputat setgħa jilmaħ lill-Vella li kien qiegħed ġewwa fil-ġnien tiegħu li kien qiegħed dieħel ġewwa. L-imputat jgħid li huwa sejjaħlu iżda Vella ma semgħux "jew ippretenda taparsi li ma semgħanix u baqa' dieħel 'il ġewwa." L-imputat baqa' f'kuntatt dirett ma PC159 u pprova li jitla mal-ħajt u jinżel fil-ġnien ta' Vella. Meta għamel dan pero serraħ fuq il-ħnejja tal-bir li kienet tal-ġebel li pero ċediet bih u waqa' bil-konsegwenza li kiser spaltu.

L-imputat ra wkoll li Vella kien żgassa l-bieb ta' wara biex setgħa daħal ġewwa. Apparti minn hekk Vella kellu wkoll ineħħi xi fridges li kienu qegħdin jgħattu l-meter tad-dawl li kien ukoll mgħotti b'biċċa plastic kaħla. L-imputat fil-fatt jixhed li ra lil Vella b'żewġ kalamiti quddiem l-arloġġ tad-dawl u kien qiegħed jaqlagħhom minn fuq l-arloġġ. L-imputat jgħid li Vella dak il-ħin għaraf li l-imputat kien adett tal-Enemalta u saħansitra beda jgħidlu li kien ser jaħbi dawn il-kalamiti u pprova wkoll idaħħalhom taħt il-friża. Għal dan l-imputat wieġbu li dan ma setgħax jippermettih stante li huwa spettur tal-Enemalta. Iżda Vella baqa' jinsisti li ħadd ma kien jaf li kellu żewġ kalamiti u pprova li jżomm waħda minnhom. Ritratti ta' dawn il-kalamiti u l-post fejn instabu ġew ukoll eżibiti fl-atti.

L-imputat itenni wkoll li prova jikkonvinċi lil-Vella biex jiftaħ il-bieb ta' barra lill-Pulizija, iżda rrealizza li ma kellux iċ-ċwievet biex ikun jista' jiftaħ il-katnazz li kien qiegħed imsakkar minn barra. Iċ-ċwievet kienu fil-karozza ta' Vella li kien ipparkjaha ferm il-bogħod mill-entratura tal-fond All Winds. Fil-fatt Vella kellu jmur lura għal dawn iċ-ċwievet fil-karozza tiegħu u wara li ġie lura setgħa jiftaħ il-katnazz minn barra bl-istess ċwievet. Dan il-fatt huwa wkoll ikkonfermat minn PC159 li jgħid li wara kien Vella li fetaħ il-katnazz permezz ta' ċavetta. Wara rriżuta wkoll li mill-istess fond ġew elevati żewġ kalamiti li kienu mal-arloġġ tad-dawl.

Minbarra dan l-imputat jeżebixxi wkoll kopja ta' rapport redatt dwar l-inċident minn fejn jirriżulta li Vella iffirma r-rapport ta' spezzjoni ta' meter irregolari redatt mill-imputat u li kien jaqra' s-segwenti : -

> During inspection while waiting for Mr Noel Vella to open premises we noticed that he climbed the wal by means of a pallet used as a ladder. I Joseph Giuliano followed him and I saw Mr Noel Vella removing two magnets attached with a stainless steel strip from the electricity meter. Magnets was attached one on each side of meter. Note : during descending the wall at back of premises near the swimming pool the well arch went to pieces and I fell and got injured my shoulder and some bruises.

Minbarra Noel Vella, dan ir-rapport ġie wkoll iffirmat mill-imputat, Joe Gerada (superjur tal-imputat) u PC159 Glenn Calleja.

Dwar dan l-episodju Noel Vella ma jsemmi xejn għajr ħlief li skontu : -

(a) huwa kien fil-kċina tal-proprjeta tiegħu, ossija ġewwa l-Farmhouse "All Winds";

(b) huwa kien ilu hemm xi sagħtejn jew tliet siegħat;

(c) il-bieb ta barra kien miftuh u fl-ebda mument ma xi ħadd ħabbat il-bieb jew ċempel il-qanpiena;

(d) il-bieb kien għalqu minn ġewwa hu stess;

(e) fuq in-naħa ta' wara ma kienx hemm bibien u l-ħajt tal-ġnien kien għoli ħmistax il-filata;

(f) f'mument minnhom huwa ra' raġel jaqbeż il-ħajt tal-ġnien u ra li kien għamillu l-ħsara mal-camera u l-wires u kif ukoll kissirlu l-arkata tal-bir u li dan ir-raġel kellu d-demm ma jdejh u ma subgħajh;

(g) lil dan ir-raġel mhux identifikat sabu ma wiċċu fil-kċina u beda jgħidlu "tal-Enemalta, tal-Enemalta" u semgħu jgħidlu wkoll bir-radio "qbadnieh, qbadnieh" u ma qallux li kien ser jisraq;

(h) Vella ħaseb li dan kien ħalliel għax ma qallux ismu jew urieħ xi karta tal-identita;

(i) Il-katnazz huwa kien ħallieh miftuh u jekk kien magħluq minbarra kien ifisser biss li xi ħadd kien għalqu;

(j) Dak ir-raġel li qal li kien tal-Enemalta sejjah lil Pulizija u dak il-ħin ma qallu xejn fir-rigward tal-arloġġ tad-dawl; qallu biss biex imur jiftaħ lill-Pulizija;

(k) Wara ġie raġel ieħor iżda "ma ġara xejn xi tridu jiġri...kellimni iva imma l-arlogg tad-dawl ma sab xejn..għamlu insepection iva,

ħadu ritratti ecc..s'hemm, waqfet hemm l-istorja" u ma ġara xejn aktar wara dan;

(l) Sadattant huwa ma kienx jaf li kien hemm xi sellum fuq wara tal-ħajt estern tal-ġnien tiegħu – "is-sellun mhu tiegħi eżatt u mhux sellun qed narah jiena...seta' għamlu xi ħadd...biex tela' ma naħsibx li jaqbeż, li jimmolla jien, biex tela' naħseb irrid jagħmel xi ħaġa";

(m) Għalkemm dak ir-raġel li qal li kien tal-Enemalta daħal minn wara billi qabeż minn mal-ħajt, hu ma kienx daħal minn wara. Huwa ma kellux għalfejn jaqbeż minn wara;

(n) Il-mara tiegħu fl-ebda ħin ma ċemplitlu u ma ċemplitlux qabel ma seħħ dan l-inċident. Huwa qal li ġewwa ma kienx hemm *reception*. Il-mara tiegħu l-anqas ċemplitlu waqt li kien qiegħed jagħmel ix-xogħolijiet fil-għodu.

(o) L-anqas ma ċemplulu l-Pulizija. It-telefonati li huwa rċieva kienu ħafna qabel ma seħħ l-inċident.

***Ikkunsidrat : -***

Illi qabel xejn din il-Qorti tistqarr bla tlaqlieq li ma temminx il-verżjoni tal-fatti dwar dak li seħħ fil-Farmhouse "All Winds" skont kif rakkontata minn Noel Vella. Il-provi prodotti, kemm dawk diretti, kif ukoll dawk indiretti, kemm dawk preżentati mill-Prosekuzzjoni kif ukoll

dawk preżentati mid-Difiża juru li dak li qal Noel Vella ma għandux mis-sewwa. Dan għaliex l-istess provi jikkontradiċuh b'mod ċar f'diversi aspetti tax-xiehda tiegħu u juru li huwa ma kienx qiegħed jgħid is-sewwa minkejja li kien taħt ġurament.

Minn qari akkurat tal-provi l-istorja rakkontata minn Vella li huwa kien ilu xi sagħtejn jew tlieta fl-Farmhouse meta seħħ l-inċident mhix vera. Biss biss martu tgħid li huwa telaq mill-ħanut lejn il-Farmhouse xis-13:00. L-ispezzjoni fil-ħanut mill-imputat u PC159 fejn kienet martu seħħet ftit minuti wara s-13:00. L-imputat u l-PC159 kienu marru fil-Farmhouse għall-ħabta tas-13:00 u qabel ma marru fil-ħanut. Dak il-ħin tas-13:00 il-bieb tal-Farmhouse kien magħluq bil-katnazz u ma fetħilhom ħadd u l-anqas il-karozza ta' Vella ma lemħu fl-inħawi. Meta marru fil-ħanut u sabu lil mart l-imputat, kienu għalhekk għaddew xi ftit minuti u Noel Vella ma kienx hemm. Meta marru lura lejn il-Farmhouse, kienu wkoll għaddew xi minuti oħrajn għalkemm mhux bosta in kwantu jirriżulta mix-xiehda ta' PC159 u tal-imputat li baqgħu sejrin direttament fil-Farmhouse u li kien hemm ftit minuti biss bogħod mill-ħanut ta' Vella.

Ma kienux għaddew sagħtejn jew tliet siegħat bejn is-13:00 u l-wasla tal-imputat u PC159 fil-Farmhouse. Probabbilment li l-anqas nofs siegħa ma kienu għaddew, meta wieħed iqis il-*call profile* eżibit magħqud max-xiehda ta' PC159 u l-imputat. U anke hawn kemm l-imputat kif ukoll

PC159 jixhdu li huma ċemplu lil Noel Vella waqt li huma kienu qegħdin jistennewh fuq il-post. Vella jiċħad dan. Iżda anke l-*call profile* eżibit juri li kien hemm telefonati li saru kemm mill-imputat (79016249) lil Vella fuq in-numru telefoniku mobbli tiegħu (99427528) kif ukoll minn numru tad-Depot (22942999) lil Noel Vella (99427528). Baqa' mhux pruvat ta' min kien in-numru 79809133 li ċempel lil Noel Vella (99427528) fis-13:18:50 fejn fiha kien hemm konversazzjoni twila 43 sekonda u li seħħet fil-ħinijiet rilevanti għal din l-ispezzjoni li saret u fil-ħinijiet li skont ix-xiehda ta' PC159 u l-imputat kienet wara li huma telqu mill-ħanut ta' Vella. Naturalment din il-Qorti għandha s-suspetti tagħha, li pero ma jsawrux prova. Biss minn dak mistqarr minn PC159 jirriżulta li mart Vella kienet stqarret magħhom li hija kienet ser iċċempel lil żewġha, anke jekk fix-xiehda tagħha hija tgħid li ċemplitlu biss ferm aktar tard. Għal PC159 anke martu kienet infurmatu li kien hemm l-ispettur tal-Enemalta u l-Pulizija jistennewh. Minbarra huma kien hemm ukoll id-*deliverymen* tal-Coca li kienu wkoll għamlu kuntatt telefoniku ma' Vella biex jikkonsenjawlu l-konsenja ta' softdrinks li kellhom għalih għall-All Winds – u anke huma kienu baqgħu jistennew li jiftħilhom Vella.

Mill-banda l-oħra l-Qorti hija moralment konvinta li kemm l-imputat kif ukoll PC159 verament għamlu kuntatt telefoniku ma Vella u dan mhux biss pruvat bid-dikarazzjoni bil-ġurament tagħhom, iżda wkoll bl-evidenza tal-*call profile*, li anke dawn igidbu l-istqarrija ta' Vella li jgħid li

fil-mument qabel l-inċident ħadd ma ċempillu u l-anqas il-Pulizija ma ċemplulu.

Apparti minn hekk l-anqas ma huwa verosimili li Vella daħal fil-Farmhouse mill-bieb ta' barra meta dan instab magħluq bil-katnazz minn barra kemm mill-imputat kif ukoll minn PC159. Kif setgħa daħal ġewwa mill-bieb ta' barra li kien imsakkar b'katnazz meta biex l-istess katnazz jinfetaħ **u jingħalaq** irid li jkunu wżati ċ-ċwievet tiegħu. Irriżulta mill-provi li ħadd ħlief l-imputat ma kellu ċ-ċwievet tal-istess katnazz u għalhekk ma kienx possibbli li ħaddieħor setgħa waħħal dan il-katnazz kif jgħid hu.

Apparti minn hekk anke kieku biss ma kellhomx jitwemnu l-imputat u PC159, u jekk allura Noel Vella kien qiegħed jgħid il-verita għaliex għażel li jiffirma d-dikjarazzjoni li hemm imniżla fir-rapport tal-Enemalta li ġie eżibit minn fejn tirriżulta kjarament id-dikjarazzjoni li

> During inspection while waiting for Mr Noel Vella to open premises we noticed that he climbed the wal by means of a pallet used as a ladder. I Joseph Giuliano followed him and I saw Mr Noel Vella removing two magnets attached with a stainless steel strip from the electricity meter. Magnets was attached one on each side of meter.

Apparti minn hekk jirriżultaw wkoll ritratti ta' żewġ kalamiti nonche x-xiehda ta' PC159 u l-imputat dwar dak li seħħ wara li l-imputat daħal fil-proprjeta ta' Vella. Skond Vella ma ġara xejn u ma sabu xejn. Iżda x-xiehda ta' PC159 u l-imputat, nonche r-ritratti eżibiti jikkontradiċu dan ukoll.

Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-fatti rakkuntati minn PC159 u mill-imputat dwar dak li seħħ f'dan l-inċident. Id-diskrepanzi fil-fatt rakkontati minn Vella meta analizzati fid-dawl tal-kumplement tax-xiehda miġbura f'dan il-każ, fil-fehma tal-Qorti, għandha rilevanza qawwija għal dak li ser tiddeċiedi din il-Qorti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, l-imputat u PC159 ma qabdux u daħlu fil-proprjeta ta' Vella għall-għarrieda u mingħajr preavviż. Huwa l-ewwel marru fil-Farmhouse All Winds, ivverifikaw jekk kienx hemm xi ħadd ġewwa, l-imputat għamel it-test bit-tesla meter u kkonferma s-suspetti tiegħu li kienu għadhom jintużaw kalamita jew kalamiti mal-meter tad-dawl u wara minflok qabdu u daħlu fil-proprjeta ta' Vella meta ma kien hemm ħadd huma marru għalih fil-ħanut tiegħu. Il-fatt li sar dan it-test huwa konfermat kemm mill-imputat kif ukoll minn PC159.

Illi kemm Marisa Vella kif ukoll Noel Vella kienu infurmati minn qabel li kienet ser issir din l-ispezzjoni fil-Farmhouse "All Winds". Dan jirriżulta ċar kemm mill-konversazzjoni li seħħet ma' Marisa Vella mill-imputat u PC 159 kif ukoll permezz tal-kuntatti telefoniċi li seħħew ma' Vella mill-imputat u PC159 fejn huma infurmawh li kienu qegħdin jistennewh biex imur fuq il-post u jiftah. Kif intqal aktar il-fuq il-fatt li

saru dawn it-telefonati huwa pruvat kemm bix-xiehda tal-imputat u PC159 kif ukoll mill-*call profiles* eżibiti.

Magħhom jirriżulta li Vella baqa' jinsisti li kien *"on his way"*; iżda mill-bieb ta' barra li kien imsakkar bil-katnazz, almenu minn quddiemhom, ma għaddiex. Fuq domanda speċifika tal-Qorti, PC159 jisħaq li meta sar kuntatt telefoniku ma Vella, huwa fl-ebda mument ma qallu li kien ġewwa l-Farmhouse u li kien sejjer jifthilhom jew li kien qiegħed hemm ġew u li kien sejjer jiġi dalwaqt. Tant hu hekk li PC159 kien baqa' jistenna wara l-bieb prinċipali li kien imbarrat bil-katnazz u kien biss Vella li aktar tard kien mar mal-imputat u biċ-ċavetta munit fetaħ l-istess katnazz. Inoltre dan il-katnazz kien imdaħħal ġoż-żewġt ħoloq tal-bieb u kien imsakkar u ma kienx marbut ma waħda minnhom biss u miftuh.

Illi bejn l-imputat u PC159 kien hemm kuntatt dirett u kontinwu – kemm personali kif ukoll permezz tal-PTT. Huma kienu qegħdin jaħdmu flimkien din l-operazzjoni – naturalment kull wieħed skont il-mansjoni partikolari tiegħu. L-iskop għaliex kienet qegħda ssir din l-ispezzjoni kienet li jiġi verifikat u priżervat dak li kellu x'jaqsam mas-suspett t'abbuż u serq ta' elettriku. Fil-fatt huwa meħtieġ li dawn il-provi, jekk ikunu jeżistu, jiġu priżervati minn nies legalment awtorizzati għaliex altrimenti min ikun qiegħed jiddelinkwi ikun jista' jokkulta jew jeqred dawn il-provi b'impunita.

F'dan il-każ l-imputat jixhed li huwa mhux biss ċempel lil Vella għal darbtejn talli f'telefonata minnhom semgħu ukoll b'nifsu maqtugħ. Kien hemmhekk li huwa ssuspetta li dan setgħa kien qiegħed jipprova jaċċedi għall-Farmhouse minn partijiet oħra tagħha sabiex ikun jista' jeqred jew jaħbi l-provi li huwa kien qiegħed jisraq l-elettriku bil-mezz ta' kalamiti. Il-fatt li kienu qed jintużaw kalamiti biex il-meter tad-dawl jiġi ġġammjat u ma jkunx jista' jagħmel qari korrett tal-konsum kien diġa kkonfermat qabel ma bdiet din l-ispezzjoni minn monitoraġġ tal-konsum tal-elettriku da parti tal-imputat; iżda dan kien ukoll konfermat aktar kmieni dakinhar meta sar it-test bit-Tesla meter. Għalhekk il-biża tal-imputat li Vella setgħa kien qiegħed jipprova jittenta manuvra sabiex jaħbi jew jeqred il-provi kien wieħed fondat.

Il-fondatezza ta' dan il-ħsieb irriżulta kontret meta l-imputat għażel li jitla fuq l-ispeċi ta' sellum tal-pellets li kien jinsab iserraħ mal-ħajt estern tal-ġnien tal-Farmhouse All Winds. Għalkemm l-imputat ma jsemmix li fl-ispezzjoni preċedenti tiegħu dan l-ispeċi ta' sellum kien diġa fuq il-post, PC159 jixhed li meta marru l-ewwel darba u daru dawra mal-perimetru tal-Farmhouse, huwa kien rah diġa li kien qisu moħbi fil-ħaxix b'mod li ma tantx kien jidher.

Biss l-imputat iżid ukoll li meta huwa tela' dan l-ispeċi ta' sellum, ra lil Noel Vella li kien qiegħed jipprova jidħol minn bieb estern li kien jagħti għall-ġnien tal-Farmhouse. Issa f'dak il-kuntest partikolari fejn dan l-

ispettur kien qiegħed jagħmel spezzjoni, kien qiegħed jistenna lill-konsumatur biex jiftaħlu l-bieb sabiex ikun jista' jagħmel l-ispezzjoni ġewwa l-fond, u f'daqqa waħda jara lill-istess konsumatur li minflok kien qiegħed jidħol mill-bieb prinċipali, kien qiegħed jipprova jiżgassa bieb ta' ġnien biex ma jgħaddix mill-bieb prinċipali, ġieħ f'moħħu li din il-manuvra kienet unikament intiża biex l-istess konsumatur ikun jista' jaħbi jew jeqred il-provi tal-abbuż mis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku qabel ma huwa jmur jiftaħ lill-istess spettur u pulizija; li del resto kien jaf bihom qabel minħabba li kienu diġa ċemplulu u qalulu li kienu qegħdin jistennewh biex jifthilhom għall-ispezzjoni. Kien għalhekk li f'moħħ l-imputat ġie konsolidat il-ħsieb li din il-manuvra ta' Vella kienet biss intiża li jneħħi jew jarmi l-kalamita jew kalamiti li bihom kien qiegħed "jisraq" il-kurrent elettriku.

Apparti minn hekk anke PC159 jixhed li huwa nnota li kien hemm il-pumm tal-bieb li mill-pool area tal-ġnien tal-Farmhouse li kien jidher sfurzat il-ġewwa tant li huwa irrimarka dan il-punt lil Vella. Minn naħa tiegħu, PC159 jgħid li huwa semgħa lil Vella jgħidlu li kien Vella stess li sfurzah. Għalkemm din l-istqarrija ma tistax tittieħed bħala prova li verament Vella sfurza l-bieb, biss tista' tittieħed bħala prova li PC159 semgħa lil Vella jgħid dan id-diskors. Biss din l-istqarrija taqbel kemm max-xiehda tal-imputat li jgħid li huwa ra lil Vella jisgassa l-"bieb ta' wara".

Is-suspett li setgħa kien hemm kalamiti li kienu qegħdin jimblukkaw ir-reġistrazzjoni tal-konsum tal-kurrent elettriku pero ikkonkretizza ruħuf'realta meta kemm l-imputat kif ukoll PC159 intebħu li kien hemm żewġ kalamiti li kienu qegħdin jiġġammjaw il-meter tal-elettriku b'mod li dan ma kienx jista' jirreġistra l-konsum tal-elettriku, li ġew iddokumentati u wkoll fotografati kif jirriżulta mill-atti.

Il-kwistjoni li trid tiġi riżolta hi jekk f'dan il-kwadru probatorju, l-azzjoni tal-imputat kienetx tintegra r-reat ta' ragion fattasi u vjolazzjoni ta' proprjeta.

***Ikkunsidrat : -***

1. Illi l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jgħid : -

> **85.** (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:
>
> Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il- piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

Il-fonti ispiranti l-Liġi Maltija huwa l-Artikolu 168 tal-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan l-Artikolu fil-fatt jippreskrivi r-reat bħala ***vie di fatto*** u jsegwi[1] : -

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

Din il-Qorti tmur oltre u tqis li dan l-Artikolu 85 huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan ifisser li l-interpretazzjoni li trid tingħata trid tkun konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

Illi fil-kawża ***Il-Pulizija versus Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu **kemm** b'mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, **kif ukoll**

[1] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : *De' reati contra l'amministr. pubblica*, Sezione III, *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'*.

interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa′ tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Sabaudo) u dan peress li għalkemm ma hemmx l-identiċita tal-kliem f′dawn il-Liġijiet, hemm żgur somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

It-test tal-Kodiċi Sabaudo fil-materja tar-reat li hemmhekk huwa riferit bħala dak ta′ ***ragion fattasi*** jaqra hekk : -

> 286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :
>
> 1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;
>
> 2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;
>
> 3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.
>
> Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.
>
> Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.
>
> 287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

Dan ir-reat jaqa' taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-pubblika awtorita'. Il-Carrara jippreskrivi t-tifsira ta' dan ir-reat b'dan il-mod :

> La *ragion fattasi* (1) e' il delitto di chiunque – *credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazione speciali di altri diritti.*[2]

Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat skont l-istess Carrara huma :

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.[3]

Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Sabaudo mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali *in primis* jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz ta' vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Sabaudo kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra,*** nhar l-20 ta' Ġunju

---

[2] ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.
[3] Ibid. Paġna 487, paragrafu 2850.

2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna ;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;

b) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;

Dan jirrispekja dak mistqarr mill-Carrara kif jidher aktar il-fuq. Iżda dawn il-Qrati abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq il-Kodiċi Borboniku u li komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi f'każ għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi integrat.

Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-**<u>pussess</u>** ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess – iżda jrid jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tiegħu. Anke detenzjoni ta' dar fuq mera tolleranza minn konjuġi u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi f'dan il-pajjiż u dan peress li kien hemm l-i*status quo* li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tal-aġent minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni

ġudizzjarja.[4] B'hekk huwa ġie li *si e' fatto arbitariamente ragione* u mhux sempliċiment *si e' fatto ragione da se'*. Skont il-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 *Mioli* ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jippunixxi *chi si fa ragione da se' ma chi si fa* ***arbitrariamente*** *ragione* [5] b'mod li jitturba l-*istatus quo* prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

Skont il-**Carmignani**, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda irid ikun hemm pussess "**attwali**" **u** li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbattiva ta' dak l-*istatus quo*: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[6]

Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt.

Skont l-**Arabia**, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi

---

[4] Ara *Il-Pulizija vs Joseph Bongailas*, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li :

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

[5] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha.

[6] Enfazi mizjuda – "Elementi di Diritto Criminale", Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.[7]

Din il-Qorti tifhem li dawn il-kummentaturi li kienu qed jikkonċentraw fuq il-Liġi Napoleonika u dik Borbonika tal-*vie di fatto* (identika għal dik Maltija *in materia*), u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' *ragion fattasi* fil-Kodiċi Sabaudo.

Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza Taljana li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Hemm il-kurrent tradizzjonali li jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq l-azzjoni tas-suġġett attiv li minflok jirrikorri obbligatorjament għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita maġistrali jaġixxi fattwalment minn jeddu, ossija l-monopolju ġurisdizzjonali. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-*istatus quo* tal-pussess tad-drittijiet; intiż bħala stat ta' fatt li in bażi tiegħu persuna ssib ruħha fil-possibilita' li teżerċita kwalsiasi dritt in kwantu tkun titolari ta' *apparentia iuris*.[8]

---

[7] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

[8] Ara Codice Penale, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt il-vuċi "oggetto giuridico".

Inoltre, skont il-Carrara *"qui continuat non attentat"*[9] ; u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque ; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopre indicati descrivano innanzitutto come presupposts del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[10]

Mill-banda l-oħra, huwa importanti pero li tkun ravviżata kontroversja li skont l-Arabia, tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :

> Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo

---

[9] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488.
[10] Codice Penale, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

***Ikkunsidrat : -***

Illi skont dak li kien l-Artikolu 42 tal-Att dwar l-Enemalta, Kapitolu 272 tal-Liġijiet ta' Malta : -

42. Kull persuna awtorizzata mill-Bord tista', f'kull hinijiet xierqa, tidhol f'kull post li fih l-energija elettrika tkun, kienet jew ser tigi provduta minn Enemalta, jew li fih xi stallazzjoni, apparat, strument, impjant jew accessorji jkunu qeghdin, jew ikunu gew jew ikunu ser jigu mghammra, jew xort'ohra jkunu hemm, ghal jew dwar il-provvista, hazna, tqassim, bejgh jew tnehhija ohra ta' energija elettrika jew ta' pitrolju minn Enemalta, ghall-fini ta':

(a) spezzjon, manutenzjoni u, jekk ikun hemm htiega, tiswija ta' kull wiehed mill-oggetti hawn fuq imsemmija kif ukoll linji, arloggi, taghmir, xoghlijiet jew apparat proprjeta ta' Enemalta, jew li jkunu mghammra f'dak il-post;
(b) tikseb dawk il-fatti jew dik l-informazzjoni li l-Bord jista' jehtieg dwar is-servizzi moghtija minn Enemalta;
(c) it-tnehhija ta' kull jew uhud mill-istallazzjonijiet, apparat, strumenti, impjanti jew accessorji li jkunu proprjeta tal-Korporazzjoni, kull meta xi servizz provdut mill-Korporazzjoni ma jkunx ghadu mehtieg jew meta l-Korporazzjoni tkun awtorizzata li tirtira s-servizzi taghha:

Izda Enemalta ghandha ssewwi kull hsara li tiggarrab b'kull dhul, spezzjon jew tnehhija bhal dawk.

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa l-Artikolu tal-Liġi li kien applikabbli fil-jum tal-allegat reat u kienu dawn id-disposizzjonijiet li kienu jirregolaw is-setgħa li kellu l-imputat bħala impjegat tal-Enemalta b'setgħat partikolari.

Fil-Liġi l-ġdida, hemm ukoll l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 536 li jippreskrivi poteri simili lil persuna nominata mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Riżorsi li tidħol f'kull bini għal finijiet imsemmija aktar il-fuq. Iżda illum il-Liġi l-ġdida teħtieġ li din is-setgħa ta' dħul f'xi proprjetà privata tiġi eżerċitata biss fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija u taħt is-sorveljanza ta' dak l-uffiċjal tal-Pulizija.[11]

Iżda anke minħabba l-fatt li dawn huma ħtiġijiet proċedurali, il-Qorti tqis li hija l-Liġi kif kienet dak iż-żmien li għandha tiġi meqjusa bħala li kienet tiddelinea u tiddefinixxi x'kienu s-setgħat tal-imputat u l-limiti tagħhom nonche meta u kif kellhom jitwetqu. Mill-provi prodotti din il-

[11] Kull operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', sakemm ma jkunx ingħata istruzzjonijiet xort'oħra mill-Awtorità, jinnomina kwalunkwe persuna sabiex tidħol f'kull bini, f'kull ħin raġonevoli,li fih l-enerġija elettrika qiegħda, kienet jew ser tiġi fornita mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew li fih xi installazzjoni, apparat, strument, impjant jew aċċessorji huma, kienu jew ser jiġu installati, jew jeżistu xort'oħra, għal jew f'konnessjoni mal-forniment, ħażna, distribuzzjoni, bejgħ jew użu ieħor tal-enerġijaelettrika mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal-raġunijiet ta':
(a) spezzjoni, żamma u, jekk ikun hemm bżonn, tiswija ta' xi wieħed mill-oġġetti hawn fuq imsemmija kif ukoll linji tal-elettriku, arloġġi tad-dawl, fittings, xogħlijietu apparati tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew installati hemm;
(b) l-ivverifikar ta' dik id-data jew informazzjoni li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jeħtieġ f'konnessjoni mas-servizzi mogħtija mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;
(ċ) it-tneħħija kollha jew ta' uħud mill-installazzjonijiet, apparati, strumenti, impjanti jew aċċessorji tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, kull meta xi servizz provdut mill-imsemmi operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jkunx aktar meħtieġ jew fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni huwa awtorizzat jirtira s-servizzi tiegħu:
Iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jsewwi kull ħsara kkawżata mid-dħul, spezzjoni jew tneħħija:
Iżda wkoll is-setgħa ta' dħul f'xi proprjetà privata skontdan l-artikolu għandha tiġi eżerċitata biss fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija u taħt is-sorveljanza ta' dak l-uffiċjal tal-Pulizija.

Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li l-imputat kien debitament awtorizzat mill-Bord sabiex jaqdi l-funzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu 43 kif ukoll li dak li huwa kien qiegħed jagħmel dakinhar ta dan l-inċident kien jaqa' fil-parametri stabbiliti minn dan l-Artikolu. Huwa ċar li l-ispezzjoni li l-imputat kien irid jagħmel dakinhar tal-każ kien dirett lejn arloġġ tad-dawl u tagħmir ieħor li kien installat mill-Enemalta għall-fini ta' reġistrazzjoni ta' konsum tal-elettriku u okkorrendo t-tiswija tiegħu.

Minbarra li l-Qorti hija konvinta mid-delega tal-imputat biex jaqdi l-mansjoni statutorja stabbilita, hija konvinta wkoll li l-ispezzjoni tiegħu huwa mar jagħmilha f'ħinijiet xierqa. Anzi f'dan il-każ jirriżulta li peress li meta marru l-ewwel darba fil-Farmhouse All Winds Noel Vella ma kienx preżenti, huwa mar akkumpanjat minn Uffiċjal tal-Pulizija, fil-ħanut tiegħu u staqsa għalih lil martu u qabel ma setgħet issir l-ispezzjoni, Noel Vella kien infurmat li kienet ser issir l-ispezzjoni peress li kemm l-imputat kif ukoll PC159 kienu għamlu kuntatt telefoniku miegħu jgħidulu li kienu qegħdin jistennewh barra mill-Farmhouse All Winds. Dan ifisser li mhux biss kienet qed issir spezzjoni f'ħin xieraq iżda kienet qed issir ukoll bi pre-avviż. Iżda dan il-pre-avviż jidher li kellu effetti xejn pożittivi għaliex kien dan il-pre-avviż li fil-fehma tal-Qorti xpruna lil Vella biex minflok jgħaddi mill-bieb ta' quddiem, jipprova jgħaddi inkiss inkiss mill-bieb ta' wara biex jistultifika l-iskop wara din l-ispezzjoni.

Naturalment kien ikun aktar xieraq li l-imputat jidħol mill-bieb prinċipali ta' din il-Farmhouse. Iżda l-Liġi li tagħtih id-dritt li jidħol f'kull post

> li fih l-energija elettrika tkun, kienet jew ser tigi provduta minn Enemalta, jew li fih xi stallazzjoni, apparat, strument, impjant jew accessorji jkunu qeghdin, jew ikunu gew jew ikunu ser jigu mghammra, jew xort'ohra jkunu hemm, ghal jew dwar il-provvista, hazna, tqassim, bejgh jew tnehhija ohra ta' energija elettrika jew ta' pitrolju minn Enemalta

ma tispeċifikax kif għandha tkun il-**modalita** ta' dan id-dħul f'kull post. Il-Qorti tifhem li dan id-dħul għandu jkun magħmul b'mod xieraq li jkun konvenzjonali kemm jista' jkun; iżda meta jkun hemm ċirkostanzi partikolari ħafna bħal f'dan il-każ, fejn ikun il-konsumatur stess li bit-turpitudini u l-maniġġi tiegħu stess ikun qiegħed (u kif irriżulta bil-provi) fid-deher u sfaċċatament iċaħħad lil min bis-saħħa tal-Liġi għandu jedd għal dan id-dħul, allura l-Liġi ma teskludix il-possibilita' ta' dħul b'metodi anqas konvenzjonali.

F'dan il-każ id-dħul tal-imputat fil-proprjeta tal-konsumatur Vella ma sarx bi ksur jew ħsara volontarja ta' xi proprjeta mobbli jew immobbli; iżda sar bl-istess modalita' li qablu kien għadu kemm uża sid l-istabbili stess – bid-differenza li sabiex aċċeda għall-post fejn kien installat l-arloġġ tad-dawl l-imputat kellu aċċess mogħti lilu mill-konsumatur preżenti. Biss anke l-Liġi stess tipprevedi l-possibilita li jista' jkun hemm anke ħsara sabiex ikun jista' jsir dan

id-dħul. F'dan il-każ, jirriżulta li saret ħsara involontarja u hija l-Liġi stess li teħtieġ li dik il-ħsara tiġi riżarċita.

Inoltre, f'dan il-każ il-konsumatur kien jaf ben tajjeb li kien hemm spettur tal-Enemalta akkumpanjat minn Aġent tal-Pulizija qegħdin jistennewh għal spezzjoni u għalhekk l-iskuża tiegħu li ma kienx jaf min hu dan li beda jgħajjat li hu tal-Enemalta u ħasbu ħalliel, ma hija xejn ħlief skuża fjakka li ma tirriflettix il-verita tal-fatti.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ allura l-imputat ma jistax jiġi mixli li meta kien qiegħed iwettaq id-dritt/dmir tiegħu ta' dħul fil-proprjeta tal-konsumatur huwa kien qiegħed jeżerċita jedd li kien jippretendi li għandu u dan għaliex meta huwa aġixxa, fiċ-ċirkostanzi partikolari ħafna ta' dan il-każ, huwa kien qiegħed jeżerċita dritt li huwa mogħti b'delega tal-Bord sanċita bil-Liġi stess.

Illi kwantu għar-reat kontravvenzjonali tal-vjolazzjoni tal-proprjeta din il-Qorti tqis li ġaladarba temmen li l-imputat aġixxa in eżerċizzju għal dritt/dover li kellu bħala spettur delegat mill-Board tad-Diretturi tal-ex Enemalta Corporation id-dħul tiegħu fil-proprjeta ta' Noel Vella, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistax jitqies bħala li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-proprjeta ta' Noel Vella.

## ***Decide***

Li għar-raġunijiet premessi, wara li rat l-Artikoli 85(1), 328 u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Inoltre fid-dawl tal-fatt li mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirriżultaw diskrepanzi ferm serji u evidenti bejn ix-xiehda ta' PC159 u l-imputat ma' diversi aspetti tax-xiehda mistqarra minn Noel Vella u liema diskrepanzi *prima faciae* jidhru li jmorru lil hinn minn dak li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Improved Design Limited vs Antoine Grima,*** deċiża nhar l-4 ta' Marzu 2004 stqarret li hija "xi haga li l-parti ma taqbilx maghha jew haddiehor jaraha b'mod iehor" izda *prima faciae* tidher li hi xiehda li tinkludi fiha allegati fatti li ma jaqblux mas-sewwa. Għaldaqstant tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ, fid-dawl tax-xiehda miġbura hemmx l-estremi tar-reat ta' l-isperġur a kariku ta' Noel Vella.

***Mogħtija fit-28 ta' Settembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***